MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIZZI ANTONIO LL.D.**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2002

Numru 725/2002

Il-Pulizija
(Sp Ian Abdilla)
vs
Stephen Grech, iben Vincent,
imwieled Attard fid-29 ta'
novembru, 1969

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fis-26 ta' awissu, 2002 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, bħala ċittadin jew residenti permanenti ta' Malta, sew jekk f'Malta jew barra minn Malta, ġbidt jew ippermettejt li jinġibed xi ritratt, film, video recording jew xbieha elettronika ndeċenti ta' persuna ta' taħt l-eta', jew qassam jew wera ritratt, film, video recording jew xbieha elettronika ndeċenti bħal dawn, jew kellu fil-pussess tiegħu ritratt, film, video recording jew xbieha elettronika ndeċenti bħal dawn liema reat hu aggravat bil-fatt li wħud minn dawn ir-ritratti, films, video recordings jew xbiehat

elettroniċi ndeċenti juru persuni taħt l-eta’ li ma kienux għalqu d-disa’ snin;
2. talli fl-istess perjodu, għal qliegħ, jew għat-tqassim, jew għall-wiri f’post pubbliku jew f’post aċċessibbli għall-pubbliku, immanifattura, stampa jew xort’oħra għamel, jew daħħal f’Malta, jew akkwista, żamm, iċċirkola jew esporta xi stampat, tpinġija, ritratt, film, ktieb, kartolina jew kitba pornografika jew oxxena jew xi oġġett ieħor, ikun li jkun pornografiku jew oxxen, kemm jekk jixbaħ lil dawn ta’ hawn fuq kemm jekk le.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ novembru, 2002 fejn l-imputat ammetta l-akkużi limitati għall-pussess u distribuzzjoni tal-materjal pornografiku.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ novembru, 2002 fejn il-prosekuzzjoni nfurmat
il-Qorti li l-pussess u id-distribuzzjoni ta’ dan il-materjal ma kienx għal skop ta’ qliegħ finanzjarju.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat dwar il-piena.

Illi mill-provi prodotti u speċifikament mix-xhieda tal-Konsulent Psikjatriku, it-Tabib Dottor David Cassar toħroġ stampa ta’ persuna li kienet ilha taħt il-kura tiegħu ferm qabel ma beda dan il-każ. Hu ċar li l-imputat għandu bżonn kura u qed jimxi ‘l quddiem taħt il-kura u is-sorveljanza ta’ Dr. David Cassar. Ix-xhieda ta’ Dr. David Cassar kienet waħda esawrjenti u mhux il-lok hawnhekk li terġa tiġi riprodotta. Kieku ma kie nx għal dan il-fatt din il-Qorti ma kien ikollha ebda esitazzjoni li tapplika piena ta’

priġunerija fil-massimu tagħha. Fl-isfond ta’ dawn il-fatt din il-Qorti m’għandha ebda esitazzjoni li tirrakomanda li l-imputat ma jitlifx l-impieg tiegħu billi l-kura li qed jieħu u l-impieg huma meħtieġa għall-isvilupp tiegħu futur.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati ta’ pussess u distribuzzjoni ta’ materjal pornografiku ta’ persuni taħt l-eta’ fil-forma ta’ xbiehat elettroniċi. Ma ssibux ħati tal-akkużi l-oħra kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 208 u 208A tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal sitt xhur priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li s-sentenza ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk, matul il-perjodu ta’ sena mil-lum, l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm piena ta’ priġunerija. Tordna l-konfiska u id-distruzzjoni tal-hard disk u tas-CDs eżebiti.